# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 717/2017 MH**

**Illum, 14 ta' Jannar, 2022**

**Solar Engineering Limited (C 47487)**

**vs**

**Alfred Gauci (K.I. Nru 146741M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi tat-8 t'Awwissu 2017** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu Anthony Paul Saliba, Karta tal-identita' numru 271692M, direttur tal-istess kumpanija, jikkonferma fil-waqt illi jiddikjara illi huwa jaf il-fatti esposti personalment:*

1. *Illi s-soċjeta' attriċi ordnat, provdiet u installat fuq talba tal-konvenut Alfred Gauci diversi pannelli fotovoltajċi fuq il-propjeta' tiegħu għal liema servizzi u prodotti hija ħarġet*

*diversi fatturi u li għalihom intalab ħlas hekk kif jidher mill-invoice Dokument 'A';*

2. *Illi l-prezz pattwit għal dan l-ordni u stallazzjoni kien ta' tnejn u erbgħin elf ħames mija u tmienja u disgħin ewro (€42,598) minn liema prezz il-konvenut kien ħallas għaxart elef ewro (€10,000) akkont, b'mod li fadallu jħallas bilanċ ta' tnejn u tletin elf ħames mija tmienja u disgħin ewro (€32,598) liema ammont għadu sal-ġurnata tal-lum dovut lis-soċjeta' attriċi;*

3. *Illi illum stranament il-konvenut qiegħed jippretendi illi ebda ħlas m' huwa dovut lill-kumpanija attriċi;*

4. *Illi s-soċjeta' attriċi trid illi l-ammont dovut lilha, inkluż l-interessi u imgħaxijiet kollha jitħallsu lilha.*

5. *Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet fosthom permezz t'ittra uffiċjali datata 17 t'Awwissu 2016 bin-numru 2749/16 il-konvenut baqgħa ma ħallasx l-ammont minnu dovut.*

6. *Għid għalhekk inti konvenut/intimat għaliex m'għandhiex din il-Qorti:*

   i. *Tiddikjara lilek debitur fil-konfront tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' tnejn u tletin elf ħames mija u tmienja u disgħin euro (€32,598) u l-interessi relative b'effett mit-tnax (12) ta' Mejju elfejn u sittax (2016) sad-data tal-pagament effettiv.*

   ii. *Tikkundannak tħallas lis-soċjeta' attriċi dan l-ammont, bl-interessi relativi*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Awwissu 2016 bin-numru 2749/16, u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontra tiegħek kontestwalment ma' dan ir-rikors, kontra tiegħek kif ukoll bl-imgħax mid-data mit-tnax (12) ta' Mejju elfejn u sittax (2016) sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti inġunt.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut tal-4 ta' Settembru 2017**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

> *Jeċepixxi bir-rispett u l-istess intimat Alfred Gauci bil-ġurament tiegħu jikkonferma.*
>
> 1. *Illi preliminarjament bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet segwenti, u dawk li jistgħu jiġu mqanqla fil-kors tal-proċeduri, ir-rikorrent Anthony Paul Saliba (K.I. 271692M) għandu jagħti prova sħiħa u sodisfaċenti tal-mandat u l-kapaċita tiegħu li jirrappreżenta lis-soċjeta' Solar Engineering Limited f'dawn il-proċeduri;*
>
> 2. *Illi preliminarjament, bla preġudizzju għall-eċċezzjoniji preċedenti, dawk segwenti, u dawk li jistgħu jiġu mqanqla fil-kors tal-proċeduri, l-eċċipjent jagħmel riferenza għal-lista ta' xhieda indikata mis-soċjeta attriċi b'dan li qiegħed joġġezzjona għall-inklużjoni tal-Avukat Dr Chris Cilia f'tali lista stante li kwalunkwe xhieda li jista' jiġi mitlub jagħti l-istess Avukat Dr Chris Cilia tirrigwarda informazzjoni legalment privileġġjata u/jew atti magħmula mingħajr preġudizzju in rappreżentanza tal-eċċipjent;*
>
> 3. *Illi fil-mertu l-eċċipjent jilqa' għall-istanza attriċi billi jgħid li din hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti kif ukoll għal dawk ir-raġunijiet li jistgħu skond il-liġi jiġu mqanqla fil-kors tal-proċeduri;*
>
> 4. *Illi dan qiegħed jingħad stante li l-ebda dovut ma huwa dovut mill-eċċipjent lis-soċjeta attriċi billi s-soċjeta attriċi naqset milli tonora l-obbligi tagħha kif pattwiti bejn il-partijiet u billi l-eċċipjent ħallas is-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) għas-saldu lis-soċjeta' attriċi fir-rigward tal-installazzjoni ta' sistema ta' pannelli fotovoltajċi;*

[1] Fol 18 et seq

5. *Illi hekk kif ser jirriżulta ampjament tul is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri l-eċċipjent ftiehem mas-soċjeta' attriċi fir-rigward tal-installar ta' sistema ta' diversi pannelli fotovoltajċi fil-proprjeta' tiegħu ġewwa 'Ta' Skonju Farmhouse', Triq l-Imtarfa, Rabat, Malta;*

6. *Illi tali ftehim kien madanakollu kundizzjonat fuq l-ottjeniment ta' fondi u benefiċċji relattivi għall-iskemi governattivi maħsuba għall-installar ta' sistemi ta' pannelli fotovoltajċi kif maħruġa mill-Malta Resources Authority u/jew entitajiet governattivi oħra;*

7. *Illi fil-fatt skond il-ftehim pattwit bejn il-partijiet, l-eċċipjent kellu biss iħallas il-prezz ta' għaxart' elef Ewro (€10,000) mill-prezz totali mitlub mis-soċjeta attriċi għall-installazzjoni tas-sistema ta' pannelli fotovoltajċi, u dan a saldu ta' kwalunkwe pretensjoni ulterjuri tas-soċjeta attriċi fil-konfront tiegħu;*

8. *Illi dan il-ftehim intlaħaq billi s-soċjeta attriċi kellha titħallas il-kumplament tal-prezz dovut lilha mill-imsemmija skemi governattivi relattivi għall-installar tas-sistemi ta' pannelli fotovoltajċi li kellu japplika għalihom l-eċċipjent b'mod appożitu;*

9. *Illi in ottemporanza mal-ftehim milħuq mas-soċjeta attriċi, l-eċċipjent ħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €10,000 kif ukoll applika b'suċċess għall-iskemi u benefiċċji filwaqt li għamel il-preparamenti kollha kemm mal-Malta Resources Authority u anki mas-soċjeta' Automated Revenue Management Services Ltd. Fil-fatt huwa inter alia applika għal tali skemi u benefiċċji fit-tmintax (18) ta' Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) permezz ta' applikazzjoni bin-numru ta' referenza MRA/LME/PV/4039 kif ukoll nhar l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) permezz ta' applikazzjoni bin-numru ta' referenza MRA/LME/PV/4854 (Dokumenti annessi u mmarkati bħala* ***Dok A-G****)*

10. *Illi nonostante li l-eċċipjent għamel l-applikazzjonijiet kollha meħtieġa b'suċċess sabiex jittieħdu l-fondi relattivi kien jeħtieġ li jiġu onorati l-kundizzjonijiet relattivi għal tali skemi u benefiċċji, fosthom li l-installar tas-sistema ta' pannelli fotovoltajċi jkun lest fit-terminu mogħti mill-iskemi;*

11. *Illi hekk kif ser jiġi ppruvat tul is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri s-soċjeta attriċi naqset milli teżegwixxi x-xogħolijiet ta' installar tas-sistema ta' pannelli fotovoltajċi fit-terminu mogħti mill-iskemi li kien*

applika għalihom b'suċċess l-eċċipjent u għalhekk jirriżulta li s-soċjeta attriċi naqset mill-obbligi tagħha taħt il-ftehim pattwit bejn il-partijiet;

12. Illi fil-fatt kien proprju l-eċċipjent li kellu jagħmel ħiltu biex javża lis-soċjeta attriċi li l-inadempjenza u d-dewmien tagħha fl-installar tal-pannelli kienet ser tikkawża t-telf tal-benefiċċji taħt l-iskemi, b'dan li l-istess soċjeta mhux talli naqset li tagħtih widen iżda talli rappreżentanti mill-istess saħansitra spiċċaw jheddu lill-eċċipjent minħabba l-insistenza tiegħu;

13. Illi b'riżultat ta' dan in-nuqqas, unikament u assolutament imputabbli lis-soċjeta attriċi, il-flus u l-benefiċċji li kienu ser jiġu akkwistati għall-ħlas tal-installar tal-pannelli fotovoltajċi ntilfu rrimedjabilment;

14. Illi jirriżulta li nonostante li tali flus intilfu minħabba l-inadempjenza tas-soċjeta attriċi, u nonostante li l-partijiet kienu qablu kuntrattwalment li l-eċċipjenti kellu jħallas biss għaxart' elef Ewro (€10,000) għas-saldu, is-soċjeta' attriċi qegħda issa tippretendi li titħallas mill-eċċipjent il-kumplament ta' dak allegatament dovut lilha bħala ħlas għas-servizzi u l-materjali prestati minnha mill-eċċipjent;

15. Illi għalhekk il-pretensjoni tas-soċjeta attriċi kif ventilata fil-preżenti proċeduri fis-sens li l-eċċipjent għandu jiġi ordnat iħallas is-somma ta' tnejn u tletin elf ħames mija u tmienja u disgħin Ewro (€32,598) oltre l-interessi u l-ispejjeż, hija waħda kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u li għandha tiġi sommarjament miċħuda bl-ispejjeż;

16. Illi l-eċċipjent jikkonferma li huwa jaf dawn il-fatti personalment;

Salv eċċezzjonijiet oħra ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, inkluż tal-ittra uffiċjali numru 2802/16, li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni, u b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-eċċipjent skond il-liġi.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjeta' attriċi qegħda titlob lill-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallasha s-somma ta' €32,598 bilanċ mis-somma akbar rappreżentanti ħlas għall-ordni, provista u nstallazzjoni minnha ta' pannelli fotovoltajċi fil-proprjeta' tal-konvenut. Flimkien mal-ammont imsemmi hija qegħda titlob ukoll il-ħlas tal-interessi b'effett mit-12 ta' Mejju 2016.

Minn naħa tiegħu l-konvenut jirrespinġi din il-pretensjoni bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt. Apparti eċċezzjonijiet ta' natura preliminari huwa jargumenta fost oħrajn li ebda ħlas mhu dovut minnu mhux biss għax is-soċjeta' attriċi m'onoratx l-obbligi tagħha kif maqbula bejniethom imma wkoll għaliex huwa kien ħallas is-somma ta' €10,000 għas-saldu tal-pretensjonijiet tagħha.

**<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>**

Fir-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut ressaq żewġ eċċezzjonijiet ta' natura preliminari.

**Fl-ewwel eċċezzjoni** tiegħu il-konvenut jirrileva li Anthony Paul Saliba għandu jagħti prova sħiħa u sodisfaċenti tal-mandat u l-kapaċita' tiegħu li jirrappreżenta lis-soċjeta' attriċi fil-proċeduri odjerni.

B'referenza għal din l-eċċezzjoni s-soċjeta' attriċi ppreżentat il-*Memorandum and Articles of Association* tagħha[2]. Minn dan id-dokument jirriżulta li Anthony Paul Saliba - li ħalef ir-rikors ġuramentat tal-istess soċjeta' fil-kawża – huwa direttur tagħha u f'dik il-kwalita' għandu l-awtorizzazzjoni meħtieġa li jirrappreżentaha f'kawżi ġudizzjarji.

Konsegwentement din l-eċċezzjoni hija għalhekk sorvolata u l-Qorti m'hijiex ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.  Frankament b'riċerka apposita setgħet tiġi faċilment evitata.

**Fit-tieni eċċezzjoni** tiegħu il-konvenut joġġezzjona għall-inklużjoni tal-avukat Dr Chris Cilia fil-lista tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi stante li kwalunkwe xhieda li seta' jiġi mitlub jagħti dan l-avukat kienet legalment privileġġjata u/jew tirrigwarda atti magħmula mingħajr preġudizzju in rappreżentanza tal-konvenut.

Jirriżulta mill-atti li effettivament Dr Chris Cilia ma tressaqx bħala xhud fil-kawża u għalhekk anke din l-eċċezzjoni hija sorvolata u l-Qorti m'hijiex ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

**<u>Mertu</u>**

Is-soċjeta' attriċi twettaq negozju ta' bejgħ u installazzjoni ta' pannelli fotovoltajiċi filwaqt li l-konvenut huwa bidwi l'għandu diversi tomniet ta' raba' ġewwa Għajn Kellija, fl-Imtarfa.

Il-partijiet laħqu ftehim permezz ta' liema l-konvenut xtara mingħand is-soċjeta' attriċi 60 (sittin) pannelli fotovoltajiċi li ġew installati mis-soċjeta'

---

[2] Fol 71 et seq

attriċi fil-proprjeta' msemmija. Saru żewġ sistemi ta' nstallazzjoni, waħda fuq *single phase meter* u l-oħra fuq *three phase meter*. Fuq talba tal-konvenut peress li, kif iddikjara huwa stess fix-xhieda tiegħu, ma kienx intiż fil-mili ta' applikazzjonijiet, is-soċjeta' pprovietlu għajnuna bla ħlas sabiex jimtlew id-dokumenti u l-applikazzjonijiet meħtieġa mal-Awtoritajiet kompetenti nkluż ARMS Limited u l-Awtorita' ta' Malta għar-Riżorsi fir-rigward ta' skemi u benefiċċji disponibbli f'dik l-epoka b'rabta ma' l-immodenizzar ta' fondi agrikoli. Dawn kienu jinkludu applikazzjonijiet għall-ikkonnettjar tas-sistema fotovoltajika mal-*grid* tal-elettriku bil-għan li l-konvenut jibbenefika mill-iskema tal-*feed-in tariff* skont ir-rati u l-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolamenti relattivi kif ukoll applikazzjoni sabiex l-istess konvenut jibbenefika minn sussidju fuq l-ammont imħallas għax-xiri tal-pannelli fotovoltajiċi taħt l'hekk imsejħa Miżura 121.

Dwar il-benefiċċji taħt Miżura 121 xehed Charlo Camilleri ex impjegat ta' l-Aġenzija għall-Pagamenti[3], li qal li meta ġiet evalwata l-applikazzjoni tal-konvenut huwa kien ġab 60 punt li jingħataw fuq diversi kriterji li jirrigwardaw l-applikant fosthom skont l-eta' tiegħu, jekk huwhiex bidwi *full-time*, jekk huwhiex membru ta' grupp ta' produtturi rikonoxxut mill-liġi eċċ[4]. Bil-punti li ngħataw lill-konvenut huwa kklassifika fil-mija u ħamsin post u ma ngħatax għas-sussidju peress li l-fondi disponibbli spiċċaw mas-sussidju mogħti lill-applikant li kien ikklassifika fl-erbgħa u sittin post.

L-Inġinier Peter Mifsud in rappreżentanza tar-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma[5] xehed li fir-rigward tal-iskema tal-*feed-in tariff* bis-saħħa ta'

[3] Fol 134 et seq
[4] Fol 145-146
[5] Fol 84 et seq u fol 317 et seq

applikazzjonijiet li ddaħħlu fit-22 ta' Diċembru 2014[6] u fl-14 ta' Jannar 2015[7] (u li għalihom nħarġet Clearance mill-MRA fid-9 ta' Jannar 2015[8] u fil-21 ta' Jannar 2015[9] rispettivament) il-konvenut qiegħed jibbenefika mill-iskema għal perjodu ta' 20 sena b'*feed-in-tariff* ta' 15c5.

Huwa paċifiku li l-prezz tal-pannelli mertu tal-proċeduri huwa ta' €42,598.00 u li minn dan l-ammont il-konvenut ħallas €10,000.

Ma jirriżultax mill-provi mressqa li kien hemm xi lment dwar il-kwalita' tal-pannelli.

Il-mertu tal-kawża jirrigwarda l-bilanċ ta' din is-somma u ċioe' l-ħlas ta' €32,598.00.

Is-soċjeta' attriċi targumenta li minkejja diversi nterpellazzjonijiet li saru lill-konvenut għall-ħlas tas-somma msemmija huwa baqa' inadempjenti.

L-eċċezzjonijiet tal-konvenut b'reazzjoni għall-pretensjonijiet attriċi huma ppernjati fuq żewġ binarji-

i. Il-ftehim bejn il-partijiet kien li l-konvenut iħallas €10,000 għas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni oħra tas-soċjeta' attriċi fil-konfront tiegħu. Hija kellha titħallas il-bilanċ rimanenti mill-fondi li jingħataw mill-iskema tal-Gvern taħt il-Miżura 121;

[6] Fol 28
[7] Fol 30
[8] Fol 29
[9] Fol 31

ii. It-telf tal-fondi mogħtija mill-iskemi governattivi huwa attribwibbli unikament għas-soċjeta' attriċi li naqset mill-obbligi tagħha taħt il-ftehim pattwit bejn il-partijiet meta stante dewmien da parti tagħha fl-installar tal-pannelli.

*Dwar il-ftehim għall-ħlas bejn il-partijiet*

Victor Sultana għan-nom tas-soċjeta' attriċi xehed li[10] hu kien mar ma' Anthony Saliba fuq il-post fejn iltaqgħu mal-konvenut u ibnu Paul Gauci. Saliba u Gauci ftehmu li Gauci kien se jħallas €10,000 mal-bidu tax-xogħlijiet u mbagħad x'ħin is-sistema tkun lesta u ċertifikata minn enġinier huwa jħallas €14,548 u s-somma rimanenti ta' €18,050 kellha titħallas fi żmien sena. Ix-xogħlijiet bdew fis-6 t'Awissu 2014 u l-ħlas tal-€10,000 sar fid-9 t'Awissu 2014.

In kontro-eżami, dan ix-xhud reġa nsista li l-*"ftehim kien li (l-konvenut) ħa jħallas l-għaxart elef fil-bidu. L-oħrajn fin-nofs u l-oħrajn x'ħin jirċievi l-application*[11]*."*

Anthony Paul Saliba għan-nom tas-soċjeta' attriċi kompla jixhed illi[12] -

*"Il-klijent naturalment wara li jiġi nfurmat dwar il-proċedura sħiħa jintalab sabiex jimtlew xi formoli u jiffirma fejn bażikament huwa jikkonferma l-ordni li jkun għamel magħna.*

*Alfred Gauci kien iffirma u eventwalment konna bdejna npoġġu l-pannelli ġewwa l-proprjeta' tiegħu. Dak iż-żmien Alfred Gauci kien ħallas l-ammont ta'*

[10] Fol 155 u fol 186
[11] Fol 200
[12] fol 119

*€10,000 bħala depożitu għax-xogħol. X'ħin tlesta x-xogħol kollu u Alfred Gauci kien kuntent bih aħna ħriġnilu l-kont li kien fl-ammont ta' €32,598 li kien il-bilanċ rimanenti.*

*Meta kien irċieva l-kont imbagħad is-Sur Gauci ħasadna għaliex stqarr li ma jridx iħallas għaliex l-applikazzjoni tiegħu għall-miżura 121 li permezz tagħha kellu l-possibilta' li jiffranka 50% tal-prezz ma kinitx ġiet milqugħa."*

Il-konvenut jagħti l-verżjoni tiegħu dwar il-ftehim għall-ħlas tal-pannelli milħuq bejn il-partijiet. Huwa jixhed li[13] –

*"Niftakar ċar li t-tifel (Pawlu) kien qal lil Victor Sultana jek riedx li aħna nħallsu €10,000 u ma jkollna x'naqsmu xejn aktar, tant li l-bqija tal-prezz jitħallsu mis-sussidju u mir-refunds tal-VAT. Ngħid li Victor ħatfu fil-kelma u qbilna li aħna konna ser inħallsu €10,000 ta' kollox u ma jkollna x'naqsmu xejn aktar. Il-kumplament is-Solar Engineering kienet ser tiġborhom hi a riskju tagħha mis-sussidju u r-refunds tal-VAT. Naturalment aħna qbilna li konna niffirmaw fejn kien ser ikun hemm bżonn biex tieħu dawn il-ħlasijiet hi. Ngħid li l-€10,000 ħallasnihom cash mingħajr problema ta' xejn."*

Iben il-konvenut Paul Gauci xehed li[14] *"l-qbil kien sar li aħna konna ser inħallsu €10,000 u m'għandna x'naqsmu ma' xejn, b'dan li l-kumplament kienu ser jieħdu ħsieb is-Solar Engineering biex jiġbruhom mir-rifużjoni tal-VAT u mill-iskema tal-Miżura 121. Dan kien id-diskors ċar u tond u kulħadd qabel li hekk kellu jsir. Fil-fatt kulħadd kien kuntent b'din is-soluzzjoni għax minn naħa tagħna ma konniex ser noħorġu aktar minn €10,000 mill-but u s-Solar Engineering kien ser jitħallas dak kollu li kellu jieħu billi jiġbor il-kumplament*

[13] Fol 327
[14] Fol 333

*mir-rifużjoni tal-VAT tagħna u mis-sussidju. Ovvjament da parti tagħna konna lesti li niffirmaw kwalsiasi karta li kien hemm bżonn biex is-Solar Engineering titħallas il-kumplament tal-prezz mir-rifużjonijiet tal-VAT u mis-sussidju."*

It-tifel l-ieħor tal-konvenut, Charles Gauci li jgħid li kien preżenti dakinhar li sar il-ftehim dwar il-ħlas xehed illi[15] *"Niftakar li beda jgħid li għalkemm il-pannelli kienu ser jiġu mal-€40,000, meta konna ser naqtgħu l-VAT u s-sussidju konna ser nispiċċaw noħorġu biss mal-€10,000. Niftakar li dak il-ħin ħija Pawlu kien qallu li fil-mument ma kellniex €40,000 u minflok staqsieh jekk stajniex inħallsu l-€10,000 biss u l-bqija tiġborhom il-kumpanija li kien jaħdem magħha Victor. Ngħid li Victor kien ħatfu fil-kelma u ftehmu li aħna kien ser ikollna x'naqsmu biss mal-€10,000 u xejn aktar."*

Għal din it-teżi tal-konvenut Anthony Saliba għan-nom tas-soċjeta' attriċi irreaġixxa hekk in kontro-eżami[16] -

*"Dr Timothy Bartolo: Hija prassi tal-kumpanija tagħkom illi tiftiehmu mal-klijenti illi huma jħallsu parti mill-ammont, parti mill-kont u l-kumplament titħallsu la darba jkun hemm is-sussidju?*

*Xhud: Le ma tarax. Is-sussidju jrid jissodisfa l-kriterji. Jekk ma jissodisfax il-kriterji aħna ma nistgħux nidħlu responsabbli għaliha. Aħna nistgħu ngħinuh, kemm nistgħu nassistuh fuq diversi affarijiet imma at the end of tghe day hu jrid jagħmel il-parti tiegħu u jara x'inhuma rikjesti u jagħmel zgur li dawk ir-rikjesti jiġu akkomodati nkella ser neħlu..."*

---

[15] Fol 336
[16] Fol 171

Minn din ix-xhieda mressqa mill-partijiet rispettivi jidher ċar li ngħataw verżjonijiet pjuttost kontrastanti dwar il-ħlas tal-bilanċ rimanenti dovut fuq il-pannelli.

Dan il-fatt waħdu pero' m'għandux ikun ta' ostaklu biex il-Qorti tasal għal konklużjonijiet tagħha fil-każ odjern.

Ingħad hekk fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deċiż fil-15 ta` Diċembru 2015**[17]-

"***Konflitt tal-verżjonijiet***

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża* ***`Xuereb et vs Gauci et`*** *il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –*

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "****Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma****", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

[17] Rik Gru Nru 1170/86

*(ara wkoll: "**Bugeja vs Meilak**" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

Fuq nota simili, il-Qorti qalet hekk fil-każ **Pickless Ltd vs Saviour Farrugia et deċiż fl-20 ta' Jannar 2016**[18] **-**

*"Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi ingħad illi:*

*"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet) għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-izbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha .... .... Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke' fuq il-bilanċ tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (...) anzi', f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*[19]

*Ingħad ukoll illi:*

*"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja*[20]*."*

*Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiema, u ċioe:*

*1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

---

[18] Rik 445/07

[19] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-24 ta' Novembru 1 966.

[20] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Gunju 1980

*2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur*[21].

*Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, fuq preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konviċiment tal-ġudikant*[22]*."*

Inoltre ma jirriżultax li sar xi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet dwar il-ħlasijiet dovuti li jista' b'xi mod ikun ta' dawl għall-Qorti fid-deliberazzjonijiet tagħha. Madankollu huwa konċess li ma kien hemm ebda ħtieġa li tali ftehim isir bil-miktub sabiex ikun validu u dan ai termini tal-artikolu 1232[23] u 1233[24] tal-Kodiċi Ċivili.

Mill-provi mressqa l-Qorti tinnota diversi aspetti li jdgħajfu u jxejnu l-kredibilita' tat-teżi tal-konvenut.

Fl-ewwel lok, jiġi rilevat li l-applikazzjonijiet għall-ottjeniment tal-fondi u benefiċċji mill-iskemi tal-Gvern kellhom neċessarjament ikunu f'isem il-konvenut u għaldaqstant kwalunkwe fondi li setgħu jingħataw taħt dawn l-iskemi kien ser jirċevihom il-konvenut direttament  u mhux is-soċjeta' attriċi.

[21] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza fl-24 ta' Marzu 2004)

[22] **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza fis-19 ta' Mejju 2015

[23] Art 1232 (1) – *"Meta mhux meħtieġ mil-liġi li l-obbligazzjoni jew it-tmiem tagħha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata, il-prova tal-obbligazzjoni jew tat-tmiem tagħha tista' ssir b'xhieda jew f'mezzi oħra magħrufin mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

[24] Atti li għandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata: *"Art 1233 (1) – "Bla ħsara tal-każijiet li fihom il-liġi, espressament,tagħmel meħtieġ l-att pubbliku, għandhom isiru b'att pubbliku jewb'kitba privata, taħt piena ta' nullità - (a) il-ftehim li jkun fih wegħda ta' trasferiment jew ta'akkwist, taħt kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni immobbli jew ta' jedd ieħor fuq dawk il-beni; (b) il-wegħdiet ta' self għall-użu jew mutuum; (ċ) il-garanziji; (d) it-transazzjoni; (e) il-kiri ta' immobbli għal żmien ta' iżjed minn sentejngħal dak li hu bini, jew minn erba' snin, għal dak li huraba'; (f) is-soċjetajiet ċivili; u (ġ) għall-finijiet tal-Liġi dwar il-Wegħdiet ta' Żwieġ, kull wegħda, kuntratt jew ftehim hemm imsemmija."*

Għalhekk is-soċjeta' attriċi ma setgħet qatt tiġbor dawn il-flus direttament hi kif implikat mill-konvenut u x-xhieda mressqa minnu. Fil-fatt ma ġew iffirmati ebda dokumenti sabiex dan ikun jista' jsir, minkejja dak kollu li qalu li kienu disposti jagħmlu l-konvenut u x-xhieda tiegħu.

Inoltre, d-difiża tal-konvenut tkompli li l-ftehim kien li s-soċjeta' attriċi kienet ser tiġbor dawn il-flus a riskju tagħha. Dan ifisser li skont il-konvenut, is-soċjeta' attriċi kienet aċċettat li tirrinunzja għall-ħlas tal-bilanċ rimanenti jekk ma jingħatawx il-fondi u benefiċċji mill-iskemi Governattivi fir-rigward tal-applikazzjoni marbuta mal-pannelli tiegħu. Dan meta kollox kien jidependi fuq kemm iġib punti lil istess konvenut fl-iskema apposita u jekk jibqgħux fondi fl-istess.

Hu miżmum li rinunzja ta' dritt teħtieġ kjarezza u univoċita' u ma tistax tiġi preżunta taċitament. Il-Ġurisprudenza dwar dan hija ċara u kristallina.

Ingħad hekk fil-każ **HSBC Bank (Malta) plc v. Pirella Supermarkets Limited deċiż fit-12 ta' April 2012 u konfermat mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April 2016 -**

*"Hu magħruf li r-rinunzja trid kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Tonio Mallia) fil-kawża* ***Jun Lui et nomine vs Salomo Ulrich nomine*** *deċiża fit-3 ta' Ottubru 2002:-*
*"Rinunzja ta` dritt, hu risaput, trid tkun ċara, inekwivoka u turi l-intenzjoni ċara tat-titolar tad-dritt li kien qed iwarrab l-istess. Il-fatt li minnu tista' tiġi deżunta r-rinunzja, jrid ikun wieħed li juri (a) il-volonta' preċiża li d-dritt qed jiġi abbandunat, u li (b) l-fatt huwa assolutament inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt."*

Fil-każ **Malta Development Corporation vs Plastichem Limited deċiż fit-22 ta' Mejju 2013 -**

*"...tajjeb li jingħad li dejjem inżamm li r-rinunzja għall-jeddijiet ma tistax tkun waħda mpliċita, iżda trid issir u tingħamel b'mod espress li ma jħalli l-ebda dubju fil-moħħ u l-imġiba tal-kontro-parti li l-kreditur tal-obbligazzjoni ma jkunx tabilħaqq għadu jisħaq għal dak il-jedd. Ir-rinunzja tal-jedd żgur ma ssirx b'implikazzjoni jew fuq bażi ta' konġettura. U biex parti f'kuntratt titqies li bis-skiet tagħha jew għax toqgħod għal ċirkostanza partikolari tkun b'daqshekk irrinunzjat għal xi jedd tagħha taħt tali kuntratt, iridu jirriżultaw elementi preċiżi li d-duttrina ilha li stabiliet."*

Għal kull buon fini jingħad li huwa plawsibbli li fil-kors tat-trattativi bejn il-partijiet ikun sar diskors fis-sens li jekk jingħata l-benefiċċji finanzjarji tal-iskemi maħruġa mill-Gvern kienet ser tittaffa ferm l-ispiża globali tal-pannelli u dan a vantaġġ finanzjarju tal-konvenut. Detto cio' u applikati l-prinċipji ġurispjudenzjali suċċitati ma tirriżultax lill-Qorti prova konvinċenti sal-grad rikjest mill-liġi li s-soċjeta' attriċi eżonerat lill-konvenut mill-ħlas tal-bilanċ ta' €32,598.00 fl-eventwalita' li l-istess konvenut ma jingħatax il-benefiċċji u s-sussidju mill-Gvern. Fi kliem ieħor, ma jirriżultax li s-soċjeta' attriċi f'xi ħin aċċettat li tirrinunzja għad-dritt tagħha li titħallas il-bilanċ imsemmi mingħand il-konvenut jekk huwa ma jibbenefikax mill-iskemi ta' għajnuna finanzjarja tal-Gvern marbuta mal-installar tal-pannelli in kwistjoni. Anzi r-rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi insistew ripetutament, kif ben rifless fix-xhieda riprodotta, li l-bilanċ li talba għalih qed issir fil-kawża odjerna kien dovut mill-konvenut indipendentement mill-benefiċċji finanzjarji li huwa seta' jirċievi.

Ma tarax li argument f'sens kontrarju jagħmel sens f'andament ta' kwalunkwe negozju.

Il-Qorti tirrileva wkoll li m'hemmx dubju li l-prospettiva ta' sussidju u tariffi vantaġġjużi offerti mill-Gvern huma nċentiv attraenti għal kull min jinvesti f'sistemi ta' pannelli fotovoltajiċi bħal ma għamel il-konvenut u t-tama li applikant jibbenefika minn dawn l-inċentivi tkun għolja speċjalment in vista tal-ispejjeż konsiderevoli involuti f'tali proġetti. Pero' huwa fatt magħruf u rriżulta anke mix-xhieda tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet governattivi li dawn l-iskemi ikollhom budget ta' fondi allokati u li malli dawn il-fondi jispiċċaw l-iskema jkollha tingħalaq anke jekk id-data uffiċjali tal-għeluq tagħha tkun għadha ma waslitx. Inoltre, l-iskema tal-għoti tal-benefiċċji u sussidji hija marbuta ma' sistema ta' punti li jingħataw fuq bażi ta' kriterji applikati għall-applikant partikolari. Kwindi ma hemm ebda garanzija assoluta li kull applikant dejjem ser jikkwalifika għal dawn il-benefiċċji; fattur dan, li ma jiddependix mir-rieda tal-partijiet stante li huma l-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli mill-evalwazzjoni u l-gradwatorja tal-applikazzjonijiet, u l-allokazzjoni tal-benefiċċji u sussidji. Hija għalhekk ferm plawsibbli t-teżi tas-soċjeta' attriċi li hija ma taċċettax, lanqas bħala policy ġenerali tal-kumpanija, li titħallas il-bilanċ ta' dak dovut lilha jekk u meta joħroġ il-ħlas tas-sussidju lill-klijent in vista tar-riskju li l-ħlas tas-sussidju qatt mhu garantit.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti tqis li titwemmen u hija kredibbli l-verżjoni tas-soċjeta' attriċi dwar il-ftehim għall-ħlas tal-bilanċ rimanenti u dan kuntrarjamnet għall-verżjoni tal-konvenut u x-xhieda tiegħu li sejrin jiġu respinti.

Jifdal għalhekk li tiġi ndirizzata t-tieni parti tad-difiża tal-konvenut u ċioe' l-allegazzjoni li t-telf tal-fondi mogħtija mill-iskemi governattivi huwa attribwibbli unikament għas-soċjeta' attriċi li naqset mill-obbligi tagħha taħt il-ftehim pattwit bejn il-partijiet meta damet biex installat il-pannelli fil-proprjeta' tal-konvenut.

Mill-atti lill-Qorti ma jirriżultalhiex li din l-allegazzjoni hija sorretta minn provi.

Anzi huwa l-konvenut stess li fix-xhieda tiegħu jgħid li *"l-ftehim kien sar u għalhekk ftit ġranet biss wara tas-Solar kienu bdew jaħdmu fir-razzett biex jinstallaw il-pannelli*[25]*."*

Anke wlied il-konvenut xehdu li malli ntlaħaq il-ftehim għax-xiri tal-pannelli s-soċjeta' attriċi pproċediet bit-twaħħil tagħhom.

Inoltre, kif diġa aċċennat fis-suespost, mix-xhieda tat-technician tas-soċjeta' attriċi Victor Sultana, ix-xogħlijiet fuq it-twaħħil tal-pannelli bdew fis-6 t'Awwissu 2014, *"ftit jiem wara*[26]*"* li kien seħħ il-ftehim għax-xiri mal-konvenut. Peress li kien hemm 60 pannella x'jitwaħħlu s-soċjeta' attriċi kienet tibgħat minn wieħed sa tlett installers u x-xhud kien imur regolarment fuq is-sit sabiex jissorvelja x-xogħol u fi kliemu, *"Alfred Gauci kien jidher kuntent dwar kif kien miexi x-xogħol*[27]*."* Sultana xehed li fi żmien ġimgħa l-pannelli kienu funzjonanti. Imbagħad kien mar l-engineer tas-soċjeta' attriċi fuq il-post u ċċertifika li l-pannelli kienu funzjonanti fil-11 ta' Settembru 2014. Żmien relattivament qasir tenut kont il-kwantita' ta' pannelli li kellhom jitwaħħlu. F'dak iż-żmien l-iskemi relattivi tal-Gvern kienu għadhom miftuħa, l-istess kif kienu miftuħa meta ġew sottomessi l-applikazzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Gvern għan-nom tal-konvenut.

---

[25] Fol 328
[26] Fol 155
[27] Fol 155

Irriżulta wkoll li l-applikazzjonijiet kienu validi u mhux tardivi[28]. Imma rriżulta l-fondi ma ngħatawx lill-konvenut għax il-punti li ottjena l-konvenut skont il-kriterji stabbiliti ma kinux biżżejjed biex jibbenefikaw mill-fondi disponibbli fl-iskema. Fatt dan li mhux imputabbli lill attriċi.

In fine l-każ *John Falzon et vs Solar Engineering Ltd* deċiż kontra s-soċjeta' llum attriċi u li fir-rigward tiegħu l-konvenut ressaq anke lill-istess John Falzon jixhed, il-Qorti tqis li ċ-ċirkustanzi u l-fatti ta' dak il-każ kienu differenti minn dak tal-lum peress li dak il-każ kien jirrigwarda talba għar-rifużjoni ta' depożitu li kienu ħallsu l-atturi fil-kawża wara li s-soċjeta' konvenuta ma kinitx ottemprat ruħha mal-obbligi tal-ftehim iffirmat bejniethom b'dana li l-atturi, sabiex ma jitilfux il-benefiċċji tal-Iskema ta' sussidji, kienu kostretti jirrikorru għand soċjeta' oħra sabiex jiġu nstallati l-ammont minumu ta' pannelli rikjesti mill-Iskema. B'hekk, diversament mill-każ odjern, ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet ġiet stronkata qabel ma sar twaħħil ta' pannelli fuq il-proprjeta' tal-konjuġi Falzon. Di piu' ma jistax awtomatikament jiġi attribwit nuqqas ta' adempjenza ta' obbligi assunti mis-soċjeta' attriċi fil-każ odjern billi jsir paragun ma' dak li seħħ fil-każ imsemi. Għalhekk il-Qorti ma tqisx li l-konklużjonijiet tal-Qorti f'dak il-każ huma ta' rilevanza għall-każ odjern.

Lanqas il-produzzjoni tax-xhud Joseph Chetcuti mill-konvenut ma tista twassal biex tiġi sostnuta din l-allegazzjoni tiegħu. Il-fatt li bejn is-soċjeta' attriċi u klijenti oħra tagħha nqala disgwit ukoll fuq twaħħil ta' panelli, anke jekk jista jkun b'tortijiet imputabbli lil attriċi, ma jwassalx għal prova mfittxija hawn mill-konvenut li ġiet anzi kontradetta kif ingħad.

[28] Għal kull buon fini jingħad li l-applikazzjoni li kienet iddaħħlet fil-31 t'Ottubru 2014 kienet meqjusa valida avolja daħlet fl-aħħar ġurnata tal-Iskema u dan kif konfermat mill-Inġinier Mifsud

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti ssib li din id-difiża mressqa fl-eċċezzjonijiet tal-konvenut hija nfondata.

Elenkati dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tqis ulterjorment li l-konvenut ilu proprjetarju sħiħ ta' sittin pannella ordnati u nstallati mis-soċjeta' attriċi sa minn Awwissu 2014 u mill-inqas qiegħed igawdi mill-benefiċċju tal-enerġija solari provduta minnhom u anke minn rati ta' elettriku vantaġġjużi bis-saħħa tal-feed-in-tariff scheme li kkwalifika għaliha. Għalhekk ma hemm ebda ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' ħlas tal-bilanċ rimanenti lis-soċjeta' attriċi.

Inoltre, anke jekk mingħajr preġudizzju, s-soċjeta' attriċi kienet infurmat lill-konvenut b'ittra datata 13 ta' Marzu 2017[29] dwar skema oħra ta' sussidju li seta' japplika ghaliha u li kienet għadha miftuħa iżda l-konvenut ma weġibx għaliha.

Fiċ-ċirkustanzi, ġjaladarba d-difiża tal-konvenut esposta fl-eċċezzjonijiet tiegħu ma rnexxietx il-Qorti ma tara ebda lok il-għala m'għandhiex tilqa t-talbiet attriċi kif dedotti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

1. **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**
2. **Tilqa' t-talbiet kollha attriċi kif dedotti bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

[29] Fol 8

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**